# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 75

**L-Erbgħa 20 ta' Diċembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU.75

75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċedenti Nru 74 – 8;
75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
75.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
75.5 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni għall-Offerta: SNTLC 01/2017;
75.6 Laqgħa Annwali Pubblika;
75.7 Performance Bonus tal-Impjegati;
75.8 Il-Karnival 2018;
75.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
75.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12/2017;
75.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

75.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 74 – 8

75.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċindenti Nru. 74 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

75.3.1 Is-Sindku qal li l-laqgħa tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali saret nhar il-Ġimgħa 15 u s-Sibt 16 ta' Diċembru 2017 fil-Grand Hotel, Għajnsielem Għawdex u attendew għaijha hu u l-Viċi Sindku. Hu semmha xi punti li tqajjmu waqt din il-laqgħa.

75.3.2 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017, fil-11.20 a.m. saret żjara mill-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta u s-Sur Preca fl-okkażjoni tal-Istrina biex jinġabru fondi lil min hu fil-bżonn. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna l-kor tat-tfal Fjur il-Martri Margerita fejn kantaw għanjiet tal-Milied. Is-Sindku, l-Arċipriet u l-President għamlu kelmtejn tal-okkażjoni. Din l-attivita saret fi Triq Sannat quddiem il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Ġiet organizzata ukoll wirja ta' xogħolijiet bl-idejn b'rabta mall-Milied. Il-President qasmet tifkira lit-tfal tal-kor u dawk preżenti u ċertifikat lil dawk li pparteċipaw fil-wirja. Is-Sindku qal li sa dan it-tant fil-Knisja u fl-Uffiċċju tal-Kunsill hemm kaxxi apposta għal envelopes li tqassmu apposta biex kull min jista jgħin jgħamel dan.

75.3.3 Is-Sindku qal li uffiċjali mill-Ministeru għal Għawdex talbuħ stima għal resurfacing bit-tarmak ta' Triq l-20 ta' Lulju. Din it-triq ġiet stmata mill-Perit Edward Scerri €37204.22. Hu qal li x'aktarx il-Kunsill ser jirnexxielu jikseb il-fondi għaliha.

75.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu rċieva telefonata mill-Comune di Montefiascone fejn dawn infurmawħ li huma se jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni Ewropea biex b'hekk jitkompla l-Ġemellaġġ.

75.3.5 Is-Sindku qal li peress li nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru hemm xi attivitajiet mill-parroċċa li se jiġu organizzati dakinhar il-ħarġa li kellha ssir għaż-żgħażagħ ser tiġi kkanċellata.

## 75.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

75.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li saret il-laqgħa apposta dwar il-multa ta' €250 mingħand l-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-Assoċjazzjoni nfurmat u talbet lill-Kunsilli biex din il-multa titħallas u li għandha ssir l-evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta kollha fuq il-post tax-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'Jannar ser jitkompla dan ir-risk assesment mill-Kumpanija Shields Consultants Ltd.

75.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet wara li taw bidu għall-kampanja bit-titlu "Sejħet is-Siġar" nfurmawna li dawn is-siġar u l-kotba ser jitqassmu f'Jannar 2018.

75.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-ammont tal-Allokazzjoni Finanzjarja b'permezz ta' Ċirkulari Nru 34/2017 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Moniteraġġ u Sapport) fejn għas-sena 2018 li l-ammont jammonta €233,018.00ċ b'żieda ta' €9575.81ċ mis-sena 2017.

75.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjura Geraldine Mercieca rringrazjat lill-Kunsill tal-fiduċja u l-appoġġ għall-post vakanti fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi skala 13 u qalet li se tkompli bil-ħidma tagħha f'din il-kariga l-ġdida b'risq il-lokalita' Ta' Sannat.

75.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li twaħħal l-isem ta' Triq Mġarr ix-Xini wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex.

75.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 34/2017 | Allokazzjoni Finanzjarja għal 2018 |
| Nru. 35/2017 | Addenda għal Ċirkulari Numru 16/2017[L-Indikatur tal-Qagħda Finanzjarja (l-*FSI*)] |
| Nru. 36/2017 | Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki |
| Nru.37/2017 | Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali dwar applikazzjonijiet għal żvilupp/xogholijiet fuq siti ta' kostruzzjoni |

## 75.5 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni għall-Offerta: SNTLC 01/2017

75.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bis-sistema tal-EPPs għall-offerta SNTLC 01/2017 li ser jgħalaq nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018, irid li jinħatar bord għall-evalwazzjoni tal-offerti mixħuta. Il-Kunsill qabel li dan il-bord ser ikun kompost minn Chairman bla vot ser ikun is-Sindku, L-Accountanat is-Sinjura Pauliana Said, Dr Larry Formosa, il-Perit Gordon Vella u bħala uffiċjal is-Segretarju Eżekuttiv.

## 75.6 Laqgħa Annwali Pubblika

75.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993) trid issir Laqgħa Annwali Pubblika għal persuni li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali Ta' Sannat biex jattendu. Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Annwali Pubblika ser issir nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2018 fil-5.00p.m. Ser jintbgħat avviż lir-residenti mall-Bulletin tal-parroċċa.

## 75.7 Performance Bonus tal-Impjegati

75.7.1 Is-Sindku qal li peress li għaddiet sena oħra, ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report u Performance Bonus ta' l-Impjegati għas-sena 2017 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:
Is-Segretarju Eżekuttiv, Jason Curmi ġie mogħti 10%.
L-Uffiċjal Eżekuttiv, Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%.
Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol tagħhom li sar matul is-sena 2017. Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus 2017 ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

## 75.8 Il-Karnival 2018

75.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa beda jirċievi xi talbiet mingħand xi kumpaniji taż-żfin u danza u dawk hilarious tal-Karnival. Għalhekk ġie diskuss li din l-attivita' ser issir nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2018, fil-Pjazza Santa Margerita, fis-7.00 p.m.

## 75.9 Ilmenti u Suġġerimenti

75.9.1 Malta Tourism Authority nfurmat lill-Kunsill li rċeviet ilment dwar il-parkeġġ li qed isir fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini dawn infurmaw lil Transport Malta din għaddiet l-ilment lil Kunsill. Il-Kunsill qal li dan is-sit hu Natura 2000 u ma jistax isir l-ebda żvillupp fih biex isir parkeġġ.

75.9.2 George Muscat qed jitlob li fi Triq Palazz Palina hemm bżonn li jitwallu u jinżebgħu d-double yellow lines ta quddiem il-garaxx ta' blokk Misraħ ta' Ċenċ peress li mhux qed ikun hemm aċċess biex tidħol u toħroġ dgħajsa fil-garage. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

75.9.3 Il-Kumpanija K.I.P. Għawdex Ltd. qed tissuġġerixxi li peress li nhar il-Milied u l-ewwel tas-sena ser jaħbtu it-Tnejn u fil-kuntratt hemm li dak inhar ma jsirx ġbir tal-iskart, il-kumpanija qed titlob li nhar is-Sibt 23 u 30 ta' Diċembru tinġabar il-borża s-sewda u t-Tlieta 26 ta' Diċembru u t-2 ta' Jannar jingabru l-borża organika u l-borża l-griża/ħadra. Dwar dan ser jinħareġ avviż apposta lir-residenti u se jitqassam din il-ġimgħa.

75.9.4 Il-ħaddiema tal-CWSEF assenjati mall-Kunsill nfurmaw li nsterqet T shape garbage hanger li l-Kunsill kien waħħal fi Triq Saguna. Din għandha terġa ssir biex ir-residenti jkunu moqdija aħjar.

75.9.5 Is-Sindku qal li xi residenti qed jitlobu biex isiru double yellow lines fil-bidu ta' Triq Dun Luqa. Dan peress li qed ikun hemm il-karrozzi pparkjati u meta tkun fit-telgħa hu diffiċli mmens biex tara dawk li jkunu niżlin. Hu qal li ġie mitlub wkoll li jsiru double yellow lines fi Triq Ħarruba dan peress li r-residenti f'din it-triq qed isibuha diffiċli biex jidħlu u joħorġu bil-vettura tagħhom mill-garaxx. Hu qal li hemm bżonn li jsiru slow signs u 35 speed signs fi

Triq it-Tempju tal-Imramma minħabba l-over speeding. Fi Pjazetta tax-Xelina tinħass il-ħtieġa li hemm bżonn li jsiru tabelli Roundabout approching, jinżebgħu d-double yellow lines u jinżebgħu il-give ways ma l-art peress li s-sewwieqa mhux qed jikkalkulaw il-give way signs li hemm mall-kanni apposta f'kull daħla. Hu qal ukoll li hemm bżonn li fil-parti ta' fuq fi Triq Ċenċ jitkompla it-traffic managment.

79.5.6 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn student mill-MCAST Ryan Debono biex isir CleanUp Campaign f'Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva u għandu jara meta ser issir din l-attivita' u jitlob lid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-għajnuna biex dak li jinġabara jittieħed bit-truck.

79.5.7 Is-Sindku qal li ġietu l-idea li l-Kunsill jitkellem mall-MCAST biex jara jekk hux possibli li l-istudenti ta din l-iskola, jiddisinjaw u jaħdmu armar bid-dwal dekorattiv biex jintuża fi żmien Milied u l-Ewwel tas-Sena għal Triq Sannat u l-Pjazza billi l-Kunsill jixtri l-materjal u dan ix-xogħol isir mill-istudenti waqt li jkunu qed jitgħalmu.

79.5.8 Is-Sindku qal li dawk l-arbli li hemm fid-daħla Ta' Sannat huma kbar wisq u l-bnadar qed jaħbtu mall-wires tad-dawl. Għalhekk hu ssuġġerixxa li dawn jinqalgħu u jsiru 4 arbli ġodda tal-istainless steel fejn ġa hemm maħsub fejn il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 75.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

75.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 12/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 75.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

75.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.08 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2018, fis-2.30 p.m.

Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2018

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |